KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fid-29 ta' Marzu 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. Il-kawża preżenti hija bbażata fuq tliet domandi preliminari mressqa mill-qorti Taljana ta' l-ewwel istanza — it-Tribunale Ordinario di Novara. Id-domandi jirrigwardaw l-interpretazzjoni, l-applikazzjoni ta' l-effetti orizzontali bejn l-individwi u l-validità ta' l-Artikoli 2 u 3 kif ukoll ta' l-Annessi II u III tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/93/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar il-proċedura għall-attestar tal-konformità ta' prodotti tal-kostruzzjoni skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' bibien, twieqi, kontraporti, persjani, gradi u aċċessorji oħra li għandhom x'jaqsmu mal-bini [2].

2. Dawn id-domandi tqajmu fil-kuntest tal-kawża quddiem it-Tribunale Ordinario di Novara bejn ir-rikorrenti Carp Snc di L. Moleri (aktar 'il quddiem: il-"Carp") u l-konvenuta Ecorad Srl (aktar 'il quddiem: l-"Ecorad") sabiex tiġi kkonstatata l-vjolazzjoni ta' obbligu kuntrattwali tal-provvista ta' bibien li fuqhom kellhom jitwaħħlu pumijiet ta' kontra l-paniku.

II — Kuntest ġuridiku

A — *Leġiżlazzjoni Komunitarja*

1. Direttiva 89/106/KEE

3. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini (ĠU 1989, L 40, p. 1), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/68/KEE tat-22 ta' Lulju 1993 li temenda d-Direttivi 87/404/KEE (reċipjenti sempliċi ta' pressjoni), 88/378/KEE (sigurtà tal-ġugarelli), 89/106/KEE (prodotti tal-kostruzzjoni), 89/336/KEE (kompatibiltà elettromanjetika), 89/392/KEE (makkinarju), 89/686/KEE (tagħmir ta' protezzjoni perso-

1 — Lingwa oriġinali: is-Sloven.
2 — ĠU L 29, p. 51.

nali), 90/384/KEE (strumenti ta' użin mhux awtomatiċi), 90/385/KEE (tagħmir mediċinali attiv li jiddaħħal fil-ġisem), 90/396/KEE (strumenti li jaħarqu fuels tal-gass), 91/263/KEE (tagħmir terminali tat-telekomunikazzjonijiet), 92/42/KEE (kaldaruni tal-misħun ġodda msaħħna bi fuels likwidi jew tal-gass) u 73/23/KEE (tagħmir ta' l-elettriku ddisinnjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti ta' vultaġġ) [3] u mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003 li fih adattament għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE [4] tad-dispożizzjonijiet dwar kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni tagħha stabbiliti fi strumenti suġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 KE (aktar 'il quddiem: "id-Direttiva 89/106"), jipprovdi li għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "prodott ta' bini" ifisser kull prodott li hu magħmul biex jiddaħħal b'mod permanenti fix-xogħlijiet ta' bini, inkluż kemm fix-xogħlijiet tal-bini u kemm tal-periti.

4. L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-prodotti li għalihom jirreferi Artikolu 1, li huma maħsuba biex jintużaw f'xogħlijiet, jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu tajbin għall-użu maħsub, li jfisser li jkollhom dawk il-karatteristiċi li x-xogħlijiet li ser jiddaħħlu fihom, magħquda, imħaddma jew installati, jistgħu, jekk iddiżinjati u mibnija sew, jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 3 meta u fejn dawk ix-xogħlijiet huma esposti għar-regolamenti li fihom dawk il-ħtiġijiet.

5. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 89/106 jipprovdi li, il-ħtiġijiet essenzjali li jgħoddu għal dawk ix-xogħlijiet li jistgħu jaffetwaw il-karatteristiċi tekniċi ta' prodott huma stabbiliti skond l-għanijiet f'Anness I ta' l-istess Direttiva 89/106. Dawn huma r-reżistenza mekkanika u l-istabbiltà, is-sigurtà fil-każ ta' ħruq, l-iġjene, is-saħħa u l-ambjent, is-sigurtà fl-użu, il-ħarsien kontra l-istorbju, l-ekonomija fl-enerġija u ż-żamma tas-sħana.

6. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 89/106 jipprovdi li: "normi u approvazzjonijiet tekniċi, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu meqjusa bħala 'speċifikazzjonijiet tekniċi'."

7. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 89/106 jipprovdi li:

"L-Istati Membri għandhom jassumu li l-prodotti huma tajbin għall-użu jekk jipper-

3 — ĠU L 220, p. 1.
4 — ĠU L 284, p. 1.

mettu x-xogħlijiet li fihom jintużaw, sakemm dawn ta' l-aħħar ikunu ddisinjati u mibnijin sew, jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali li saret referenza għalihom fl-Artikolu 3 fejn dawn il-prodotti għandhom l-immarkar CE li jindika li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva, li jinkludu l-proċeduri ta' stima ta' konformità stabbilita fil-Kapitolu V u l-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu III."

8. L-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 89/106 jipprovdi li:

"Il-marka KE tfisser li l-prodotti jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-paragrafi 2 u 4 ta' dan il-manifattur, jew l-aġent tiegħu stabbilit fil-Komunità, biex jieħu responsabbiltà mit-twaħħil tal-marka KE fuq il-prodott innifsu, fuq it-tikketta mwaħħla miegħu, fuq il-pakkett tiegħu, jew fuq id-dokumenti kummerċjali mehmuża miegħu."

9. Skond l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 89/106, il-manifattur, jew l-aġent tiegħu stabbilit fil-Komunità, għandu jkun responsabbli għal verifika li l-prodotti jaqblu mal-ħtiġijiet ta' l-ispeċifikazzjoni teknika fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 4.

10. L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 89/106 jipprovdi li l-prodotti li jkunu l-qofol taċ-ċertifikat ta' konformità għandhom igawdu milli wieħed jassumi li jaqblu ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4. Il-konformità għandha tkun stabbilita permezz ta' testijiet jew evidenza oħra skond l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi bi konformità ma' Anness III.

11. Skond l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106, iċ-ċertifikat ta' konformità ta' prodott jiddependi minn:

a) jekk il-manifattur li jkollu sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika jassigura li l-produzzjoni taqbel ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti; jew

b) għal prodotti partikolari indikati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti, flimkien ma' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika, korp approvat li jiċċertifika li jkun involut fl-evalwazzjoni u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

12. L-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 89/106 jipprovdi li: "L-għażla tal-proċedura skond it-tifsira tal-paragrafu 3 għal prodott jew ġemgħa ta' prodotti msemmija jkun speċifi-

kat mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-kumitat li għalih jirreferi Artikolu 19, skond:

a) l-importanza tal-parti li għandu dak il-prodott fil-konfront tal-ħtiġijiet essenzjali, b'mod speċjali dawk marbuta mas-saħħa u s-sigurtà;

b) il-karatteristika tal-prodott;

ċ) l-effett tal-varjazzjoni tal-karatteristiċi tal-prodott fuq kemm jagħti servizz;

d) kemm hu espost għal difetti fil-manifattura tal-prodott.

b'konformità mad-dettalji mogħtija f'Anness III.

F'kull każ, tintagħżel l-inqas proċedura li toħloq problemi konsistenti mas-sigurtà.

Il-proċedura li tintagħżel tkun indikata fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew fil-pubblikazzjoni tagħha."

13. L-Artikolu 16 tad-Direttiva 89/106 jipprovdi li:

"Fin-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, kif imfissra f'Artikolu 4, għal kull prodott imsemmi, l-Istat Membru destinatarju għandu, b'talba f'każijiet individwali, iqis il-prodott li għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li hemm fis-seħħ jekk dawn issodisfawx it-testijiet u l-ispezzjonijiet imwettqa minn korp approvat fl-Istat Membru produttur skond il-metodi fis-seħħ fl-Istat Membru destinatarju jew magħruf bħala ekwivalenti minn dak l-Istat Membru.

2. L-Istat Membru produttur għandu jgħarraf lill-Istat Membru destinatarju, bi konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom isiru t-testijiet u l-ispezzjonijiet, tal-korp li beħsiebu japprova għal dan il-għan. L-Istat Membru destinatarju u l-Istat Membru produttur għandhom jagħtu lil xulxin l-informazzjoni kollha meħtieġa. Meta jintemm dan l-iskambju ta' informazzjoni l-Istat Membru produttur għandhom japprovaw l-korp għalhekk nominat. Jekk Stat Membru jkollu xi nuqqas ta' fiduċja, huwa għandu jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu u jgħarraf lill-Kummissjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi nominati jistgħu jagħtu lil xulxin l-għajnuna kollha meħtieġa.

4. F'każ li Stat Membru jistabbilixxi li korp approvat mhux qed iwettaq it-testijiet u l-ispezzjonijiet kif suppost bi konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali, hu għandu jgħarraf lill-Istat Membru li fih hu approvat il-korp minnufih. Dak l-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Istat Membru li jkun qed jagħmel in-notifika fi żmien stipulat raġonevoli dwar l-azzjoni li ttieħdet. Jekk l-Istat Membru li jkun qed jagħmel in-notifika ma jarax li l-azzjoni li ttieħdet tkun biżżejjed, hu jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott imsemmi jew jesponih għal kundizzjonijiet speċjali. Hu għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar dan."

2. Deċiżjoni 1999/93

14. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/93 [5] fl-Artikolu 2 tipprovdi li, il-konformità tal-prodotti mniżżla f'Anness II għandha tkun attestata bi proċedura li permezz tagħha, barra mis-sistema ta' kontroll ta' produzzjoni ta' fabbrika mħaddma mill-manifattur, jkun hemm korp approvat ta' ċertifikazzjoni involut fl-evalwazzjoni u s-sorveljanza tal-kontroll ta' produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

15. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/93 jipprovdi li: "Il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità kif stipulata f'Anness III għandha tiġi indikata permezz ta' mandati għal standards armonizzati."

5 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

16. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1999/93 jipprovdi li din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

17. L-Anness II tad-Deċiżjoni 1999/93 jirreferi għall-prodotti li ġejjin:

"Bibien u gradi (bi jew mingħajr aċċessorji li għandhom x'jaqsmu):

— Għall-użu fil-kompartimentazzjoni ta' nar/duħħan u f'rotot ta' emerġenza [...]".

18. L-Anness III tad-Deċiżjoni 1999/93, dwar is-sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità għall-bibien, gradi u aċċessorji li għandhom x'jaqsmu mal-bini jagħti l-mandat tagħhom lil CEN/Cenelec u jipprovdi li għall-prodotti u l-użi maħsuba, huma mitluba li jispeċifikaw is-sistemi għall-attestazzjoni ta' konformità fl-istandards armonizzati rilevanti. Fir-rigward tal-bibien u gradi, l-imsemmi Anness jipprovdi li skond il-punt 2 (i) ta' l-Anness III tad-Direttiva 89/106 għandha tintuża s-sistema ta' ċertifikat ta' konformità fil-forma ta' ċertifikazzjoni ta' konformità tal-prodott minn korp approvat ta' ċertifikazzjoni (is-sistema 1).

B — *Leġiżlazzjoni nazzjonali*

19. Fl-Italja, l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' tagħmir għall-ftuħ ta' bibien installati tul ir-rotot ta' emerġenza, fir-rigward ta' sigurtà fil-każ ta' ħruq huma regolati middigriet tal-Ministru ta' l-Intern tat-3 ta' Novembru 2004 [6].

III — Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

20. F'Mejju 2005, il-kumpannija Carp, abbażi ta' kuntratt iffirmat mal-kumpannija Ecorad, li kellu bħala suġġett tiegħu l-provvista ta' tliet bibien ta' l-aluminju li fuqhom kellhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku, ipprovdiet biex tinstalla l-ewwel wieħed dawn il-bibien fl-uffiċċju ta' din il-kumpannija.

21. Il-bibien li fuqhom għandhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku huma prodott magħmul minn żewġ komponenti, jiġifieri mill-bieb u mill-pum ta' kontra l-paniku li jingħaqdu fil-proċess tax-xogħol.

22. Wara kontroll magħmul wara l-installazzjoni minn tekniċi fl-uffiċċju tal-kumpannija Ecorad, irriżulta li l-bieb in kwistjoni ma kienx jissodisfa l-ħtiġijiet essenzjali msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni 1999/93 u tad-Direttiva 89/106. Għaldaqstant, il-kumpannija Ecorad qieset li l-kuntratt ma ġiex applikat kif xieraq u rrifjutat li tħallas għallbieb li kien diġà ġie installat. Barra minn hekk, il-kumpannija Ecorad talbet lill-kumpannija Carp il-prova tat-twettiq tal-kundizzjonijiet msemmija fis-sistema ta' attestazzjoni ta' konformità Nru 1 għall-installazzjoni tal-bibien. Fil-fatt din l-installazzjoni, maħduma mingħajr ir-rispett tas-sistema ta' konformità setgħet tiddetermina għall-kumpannija Ecorad, l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti bl-obbligu li l-bieb installat jiġi mibdul.

23. Minħabba n-nuqqas ta' ħlas, fl-1 ta' Awwissu 2005, il-kumpannija Carp bdiet kawża sabiex jiġi kkonstatat in-nuqqas tat-twettiq tal-kuntratt quddiem it-Tribunale Ordinario di Novara (aktar 'il quddiem: il-"qorti tar-rinviju"). Matul il-proċediment quddiem il-qorti tar-rinviju, il-kumpannija Ecorad sostniet li dispożizzjoni fil-kuntratt kienet tipprevedi, minbarra l-provvista u l-installazzjoni tal-bibien, li "il-bibien ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja kollha u mal-liġi nazzjonali" u talbiet lill-qorti tar-rinviju t-terminazzjoni minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt ta' provvista tal-bibien.

24. Minħabba li qieset li d-deċiżjoni dwar ilmertu kienet ibbażata fuq l-interpretazzjoni

6 — Digriet tal-Ministeru ta' l-Intern tat-3 ta' Novembru 2004: Disposizioni relative all'installazione ed alla manutenzione dei dispositivi per l'apertura delle porte installate lungo le vie di esodo, relativamente alla sicurezza in caso d'incendio (Gazzetta uffiċjali tar-Repubblika Taljana Nru 271 tat-18 ta' Novembru 2004).

ta' liġi Komunitarja, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċediment u ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 2, l-Artikolu 3, l-Anness II u l-Anness III tad-Deċiżjoni 1999/93/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeskludu li l-bibien li fuqhom kellhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku jistgħu jiġu mmanifatturati minn operaturi (mastrudaxxi) li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet mitluba mis-sistema ta' attestazzjoni ta' konformità Nru 1?

2. Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, l-Artikolu 3, ta' l-Anness II u ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 1999/93/KE, huma legalment vinkolanti, indipendentement mill-adozzjoni mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) ta' regoli tekniċi, mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' l-imsemmija deċiżjoni, għal dak li jirrigwarda t-tip ta' proċedura ta' attestazzjoni ta' konformità li għandha tiġi osservata mill-kostrutturi (mastrudaxxa) għall-bibien li fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku?

3. L-Artikolu 2, l-Artikolu 3, l-Anness II u l-Anness III tad-Deċiżjoni 1999/93/KE għandhom jiġu kkunsidrati bħala invalidi billi jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità safejn jimponu fuq il-produtturi kollha li josservaw il-proċedura ta' attestazzjoni ta' konformità Nru 1 sabiex ikunu jistgħu jpoġġu l-marka CE fuq il-bibien tagħhom li fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku (u jagħtu lis-CEN il-mandat li jadotta r-regoli tekniċi)?"

25. Il-kumpanniji Carp u Ecorad, il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni ppreżentaw issottomissjonijiet tagħhom bil-miktub filkawża.

26. Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2007, il-kumpanniji Carp u Ecorad kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw sottomissjonijiet orali u wieġbu għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

IV — Analiżi

A — *L-ewwel domanda preliminari*

1. Argumenti tal-partijiet

27. Il-kumpannija Carp issostni li, skond id-Direttiva 89/106, il-prodotti tal-kostruzzjoni maħsuba sabiex isiru parti integranti ta'

kostruzzjoni, bħala eżempju bibien u gradi, jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu tajbin għall-użu maħsub, jekk jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali deskritti fid-dokumentazzjoni ta' spjegazzjoni u jekk huma prodotti skond ir-regoli armonizzati.

28. Il-kumpannija Carp tippreċiża li l-bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku għandhom jiġu prodotti b'mod li jippermettu l-ftuħ malajr 'l barra sempliċement billi jingħafas il-pum. Fil-każ ta' periklu, l-iskop tagħhom huwa dak li jħaffef kemm jista' jkun il-ħruġ ta' persuni mill-bini. Għaldaqstant huma differenti mill-bibien li huma maħsuba għall-użu fil-kompartimentazzjoni ta' nar u duħħan u li huma resistenti għan-nar. L-iskop ta' dawn ta' l-aħħar huwa fl-użu fil-kompartimentazzjoni ta' nar jiġifieri duħħan minn bini għall-ieħor. Madankollu, il-kumpannija Carp issostni li d-Deċiżjoni 1999/93 teħtieġ l-intervent ta' korp ta' ċertifikazzjoni sabiex tiġi attestata l-konformità ta' bibien u gradi (bil-pum jew mingħajru), kif ukoll tal-pumijiet innifishom.

29. Il-kumpannija Ecorad issostni li mill-punt 2 ta' l-Anness II tad-Direttiva 89/106 u tad-Deċiżjoni 1993/93 jirriżulta b'mod ċar li mat-tip ta' bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħal pum kontra l-paniku, li huma l-oġġett tal-kawża preżenti tiġi applikata s-sistema ta' attestazzjoni ta' konformità Nru 1.

30. Il-Gvern Awstrijak jafferma li l-Artikolu 2 f'rapport ma' l-Anness II tad-Deċiżjoni 1999/93, jirrigwarda bibien, gradi, u twieqi maħsuba għall-użu fil-kompartimentazzjoni ta' duħħan/nar, bibien, gradi u twieqi għar-rotot ta' emerġenza, kif ukoll aċċessjori maħsuba għall-użu fil-kompartimentazzjoni ta' duħħan/nar u għar-rotot ta' emerġenza, filwaqt li ma tagħmilx referenza minflok għall-bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku jew għall-pumijiet innifishom. Fil-fatt il-bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku mhumiex identiċi għall-bibien tan-nar. Barra minn hekk, għad ma jeżistux regoli armonizzati għall-bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku, u għaldaqstant jistgħu jitwaħħlu minn manifatturi li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet stabbiliti skond il-proċedura ta' attestazzjoni ta' konformità Nru 1.

31. Il-Kummissjoni tosserva li d-Direttiva 89/106 u d-Deċiżjoni 1999/93 jirrigwardaw il-prodotti ta' kostruzzjoni u mhux il-manifatturi u lanqas min jinstalla dawn il-prodotti, u barra minn hekk il-prodotti ta' kostruzzjoni għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali ta' sigurtà. Is-sistema ta' attestazzjoni ta' konformità Nru 1 tirrigwarda l-prodott u mhux il-manifattur, minħabba li din is-sistema tattesta jekk il-prodott jistax jintuża għall-użu li għalih jinbena u minflok ma tattestax jekk il-manifattur huwiex adatt biex jibni dawn il-prodotti. Barra minn hekk, id-Direttiva 89/106 u d-Deċiżjoni 1999/93 mhumiex applikabbli għas-sitwazzjoni ta' fatt msemmija fil-kawża prinċipali minħabba li l-kawża ma tippreżentax elementi transfruntalieri. Għall-bibien li huma maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku, ma jeżistux speċifikazzjonijiet tekniċi li fihom ħtiġijiet essenzjali, regoli armonizzati, appro-

vazzjonijiet tekniċi Ewropej jew regoli nazzjonali li ġiet infurmata bihom il-Kummissjoni. Għall-pumijiet ta' kontra l-paniku biss, ġiet approvata r-regola armonizzata EN 1125 "Għodod tal-kostruzzjoni — Apparati għall-ħruġ f'każ ta' paniku li jitħaddmu bi żbarra orizzontali — Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar" (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas ta' l-implementazzjoni tad-Direttiva 89/106/KEE [7].

2. Kunsiderazzjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali

32. L-ewwel nett, qabel ma tiġi analizzata l-ewwel domanda preliminari, jeħtieġ li jiġi ċċarat li mhumiex fondati l-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni li bihom issostni li d-Direttiva 89/106 u d-Deċiżjoni 1999/93 jirrigwardaw il-prodotti tal-kostruzzjoni u mhux il-manifatturi jew min jinstalla tali prodotti, li għalihom il-prodotti tal-kostruzzjoni għandhom jirrispettaw il-ħtiġijiet essenzjali ta' sigurtà. Id-Direttiva 89/106 u d-Deċiżjoni 1999/93 huma regoli. Ir-regoli jirregolaw ir-rapporti bejn suġġetti tad-dritt u mhux dawk bejn l-oġġetti tad-dritt biss. Huma jistgħu jirregolaw ir-rapporti bejn is-suġġetti tad-dritt b'referenza għal determinati oġġetti tad-dritt, li magħhom huma inklużi wkoll ix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni li l-manifattur għandu jipproduċi u li barra minn hekk, għalihom għandu japplika l-proċedura ta' attestazzjoni ta' konformità. Id-dispożizzjonijiet taż-żewġ atti leġiżlattivi msemmija għandhom l-għan li jirregolaw ir-rapporti bejn il-manifattur u l-Istati Membri fir-rigward ta' karatteristiċi speċifiċi tekniċi u fiżiċi tal-prodotti ta' kostruzzjoni [8].

33. Qabel ma nagħti risposta lill-ewwel domanda, jeħtieġ li jiġi ppreċiżat li d-Direttivi li għandhom approċċ ġdid (*new approach*) [9], li fosthom tidħol ukoll id-Direttiva 89/106, ma fihomx fid-dettall il-ħtiġijiet kollha relattivi għas-sigurtà ta' prodott determinat [10], iżda jiddeskrivu b'mod astratt b'referenza għall-protezzjoni tal-kon-

7 — ĠU 2005, C 319, p. 1.

8 — Din id-duttrina tirriżulta mill-opinjoni li d-dritt jirregola r-rapporti bejn suġġetti legali u mhux bejn oġġetti legali. Id-differenza bejn suġġetti legali u oġġetti legali tidher aktar ċara fil-liġi tal-proprjetà. Għal paragun nieħdu bħala eżempju d-definizzjoni tal-liġi tal-proprjetà mogħtija mit-teoriku tal-liġi Slovena Prof. Juhart, li jsostni li fir-rapporti legali, tali liġi tirregola r-relazzjoni li hemm bejn l-appartenenza u d-dritt fuq l-immobbli (ara Juhart M., Tratnik M., Vrenčur R.: *Stvarno pravo*, Ljubljana, 2007, p. 39). Pożizzjoni simili hija sostnuta mill-Professuri Larenz u Wolf, li jsostnu li l-liġi tal-proprjetà tirregola d-drittijiet ta' l-individwu fuq id-dritt fuq l-immobbli (Larenz K., Wolf M.: *Allgemeiner Teil des Bürgerlichen Rechts*, disa' edizzjoni, München 2004, p. 12).

9 — Għal lista tad-Direttivi ta' dan l-approċċ ġdid, ara l-artikli ta' Klindt, T: Der *"new approach" im Produktsrecht des europäischen Binnenmarkts: Vermutungswirkung technischer Normung*, EuZW 5/2002, p. 133-136, u ta' Langner, D.: *Technische Vorschriften und Normen*, v: Dauses M. (ur.): *Handbuch des EU-Wirtschaftsrechts*, zvezek 1, München 2004, punti 55-105.

10 — Röhl H.-C., *Schreiber, Y.*: Konformitätsbewertung in Deutschland, Konstanz, 2006, http://www.ub.uni-konstanz.de/kops/volltexte/2006/1933/, p. 49.

sumaturi l-livell minimu ta' sigurtà li għandu jilħaq prodott determinat [11].

34. L-istruttura tad-Direttiva 89/106 hija differenti minn direttivi oħra ta' approċċ ġdid fuq kollox minħabba li hija tillimita ruħha li tistabbilixxi l-proċeduri. Il-ħtiġijiet essenzjali [12] tal-prodotti ta' kostruzzjoni huma regolati mid-dokumenti interpretattivi u mir-regoli armonizzati li jibbażaw ruħhom fuqhom jew mill-orjentamenti għall-approvazzjoni teknika Ewropea [13]. Huwa opportun li jiġi mfakkar ukoll li d-Direttiva 89/106 hi differenti mid-direttivi l-oħra ta' approċċ ġdid, minħabba li tistabbilixxi li r-regoli armonizzati stabbiliti minn dik id-Direttiva jsiru vinkolanti fuq l-Istati Membri wara l-pubblikazzjoni u wara l-perijodu ta' tranżizzjoni [14]. Skond id-duttrina, l-applikazzjoni tad-Direttiva 89/106 isseħħ biss b'mod gradwali bil-pubblikazzjoni ta' regoli armonizzati għall-prodotti individwali jew għall-gruppi ta' prodotti. Sakemm tali regoli ma jidħlux fis-seħħ, jiġu applikati r-regoli nazzjonali [15]. Għal din ir-raġuni, l-eżami tal-proċedura ta' attestazzjoni ta' konformità tal-prodotti tal-kostruzzjoni msemmija fid-Deċiżjoni 1999/93 ma tistax issir mingħajr deskrizzjoni qasira tad-dispożizzjonijiet tekniċi Komunitarji.

35. Meta produttur ipoġġi prodott fis-suq għall-ewwel darba, dan ta' l-aħħar huwa suġġett għall-applikazzjoni tar-regoli CE kollha dwar iċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija fis-suq komuni [16]. Tali regoli jirregolaw fuq kollox tliet setturi jiġifieri l-*istandards* tekniċi u d-dispożizzjonijiet, l-aċċess għas-suq u l-kontroll fuq is-suq [17]. Fost dawn ir-regoli jidhru wkoll id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà teknika tal-prodotti [18].

36. Il-produttur li jipproduċi jew li inkella jibni l-prodotti li għandhom jitpoġġew fis-suq għandu żewġ metodi biex jikkonforma l-

11 — *Klindt, T.:* Der "new approach" im Produktsrecht des europäischen Binnenmarkts: Vermutungswirkung technischer Normung, p. 134.

12 — L-Avukat Ġenerali Mazák, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża C-254/05, jafferma li r-rekwiżiti essenzjali li jinsabu fl-Annessi tad-direttivi ta' approċċ ġdid jiddefinixxu biss ir-riżultati li għandhom jintlaħqu u l-perikli li għandhom jiġu kkunsidrati, iżda bl-ebda mod ma jispeċifikaw xi soluzzjonijiet tekniċi sabiex tali riżultat jintlaħaq (konklużjonijiet tat-8 ta' Frar 2007 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, punt 33).

13 — *Langner:* Technische Vorschriften und Normen, punt 69.

14 — Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Mazák fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 35).

15 — *Langner:* Technische Vorschriften und Normen, punt 69.

16 — *Klindt,* Der "new approach" im Produktsrecht des europäischen Binnenmarkts: Vermutungswirkung technischer Normung, p. 133.

17 — *Röhl, Schreiber:* Konformitätsbewertung in Deutschland, p. 49. L-awturi josservaw li, fir-rigward ta' l-*istandards* tekniċi, il-ħtiġijiet li l-prodotti għandhom jissodisfaw jiġu ffissati b'mod astratt. L-aċċess għas-suq ta' kull prodott jiġi regolat fil-kuntest ta' tali settur, filwaqt li eventwali riskji marbutin mal-prodott in kwistjoni jiġu regolati mis-settur tal-kontroll fuq is-suq.

18 — *Klindt:* "Spielzeugleuchten" an der Schnittstelle zwischen Niederspannungs-Richtlinie, Spielzeug-Richtlinie und technischer Normung, EuzW 14/1998, p. 426. L-awtur huwa ta' l-opinjoni li l-iskop ta' dawn ir-regoli huwa l-protezzjoni bil-quddiem tal-konsumaturi u ta' min jużahom.

prodotti tiegħu mal-karatteristiċi tekniċi u fiżiċi mitluba mid-dispożizzjonijiet tekniċi. Sostanzjalment skond l-ewwel metodu, il-prodotti jistgħu jinbnew skond *standards* tekniċi [19], skond it-tieni metodu, minflok, jistgħu jinbnew b'mod li l-prodotti stess jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali stabbiliti minn dispożizzjonijiet determinati [20], fuq kollox mill-Annessi tad-Direttivi dwar l-armonizzazzjoni teknika. Din l-affermazzjoni però ma tiswiex jekk ir-regoli għandhom natura obbligatorja.

37. Għall-prodotti maħduma skond ir-regoli tekniċi armonizzati, tapplika l-preżunzjoni relattiva ta' konformità mal-karatteristiċi tekniċi u fiżiċi hekk kif previsti mil-leġiżlazzjoni teknika u b'mod partikolari mid-direttivi dwar l-armonizzazzjoni teknika. Fil-każ ta' kawża l-oneru tal-prova ta' nuqqas ta' konformità jaqa' fuq il-kontroparti [21], u mhux fuq il-produttur.

38. Fil-preżenti kawża huwa stabbilit li, kif josservaw il-Kummissjoni u l-kumpannija Carp, ir-regoli armonizzati għall-bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku għad mhumiex applikabbli. Abbażi tal-mandat [22] mogħti mill-Kummissjoni, is-CEN [23] fit-3 ta' Frar 2006, adotta r-regola armonizzata EN [24] 14351-1:2006, li fiha l-ħtiġijiet essenzjali għall-bibien, gradi, twieqi u persjani. Din ir-regola armonizzata ser tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009. B'rigward għall-prinċipju ġenerali tal-liġi *tempus regit actum* din ir-regola ma tistax tiġi kkunsidrata bħala liġi applikabbli fil-kawża preżenti. Fil-

19 — L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/34/KE tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 204, p. 37) jistabbilixxi li "standard", għandha tfisser speċifikazzjoni teknika approvata minn korp rikonoxxut ta' l-istandardizzazzjoni għal applikazzjoni mtennija jew kontinwa, li l-konformità magħha mhijiex obbligatorja. Tali "standards" jistgħu jkunu standards internazzjonali, standards Ewropew u standards nazzjonali.

20 — *Aubry-Caillaud F.*: La libre circulation des marchandises nouvelle approche et normalisation européenne, Pariġi 1998, p. 216. L-awtriċi tirrileva li l-prodott għandu fiż-żewġ każijiet ikun konformi ma' l-istandards obbligatorji.

21 — Id-duttrina ssostni li l-applikazzjoni ta' standards armonizzati mhix obbligatorja. Fil-każ ta' kawża l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-produttur. Fil-każ li fir-realizzazzjoni tal-prodotti tiegħu, ma josservax l-istandards armonizzati, huwa għandu juri li l-prodott tiegħu huwa konformi mal-ħtiġijiet essenzjali mitluba mid-direttivi. Għal din ir-raġuni, id-duttrina tirrakkomanda lill-partijiet fil-kawża sabiex jaċċertaw qabel xejn jekk jeżistux standards armonizzati għall-prodott speċifiku. Anke fil-każ li tali standards jeżistu, għandu xorta waħda jiġi vverifikat jekk l-istandards armonizzati jissodisfawx il-ħtiġijiet msemmija fid-direttiva. Tali prova sseħħ permezz tal-kontroll ta' konformità (*Dubois L., Blumann C.*: Droit matériel de l'Union européenne, tielet edizzjoni., Pariġi 2004, p. 290, *Langner*, Technische Vorschriften und Normen, punt 44, *Röhl, Schreiber*, Konformitätsbewertung in Deutschland, p. 49 u 50).

22 — Mandate M/101 to CEN/CENELC concerning the Execution of Standardisation Work for Harmonized Standards on Doors, Windows, Shutters and Related Building Hardware.

23 — CEN hija l-abbrevjazzjoni ta' *Comité européen de normalisation*. Dan huwa entità b'sede fi Brussell u li għandu l-forma legali ta' organizzazzjoni mingħajr skop ta' lukru skond il-liġi tal-Belġju u ġie maħluq fl-1961 minn entitajiet nazzjonali għall-armonizzazzjoni ta' l-istandards fl-Istati Membri tal-KEE u fil-pajjiżi aderenti għall-EFTA.

24 — EN hija l-abbrevjazzjoni ta' European Norm.

qasam tar-regoli tekniċi [25], il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti propju d-deroga mill-prinċipju *tempus regit actum*. Hekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-kawża Unilever Italia [26] li l-qorti nazzjonali, fil-kuntest ta' proċediment ċivili relattiv għall-kawża pendenti bejn żewġ partijiet firrigward ta' drittijiet u obbligi ta' natura kuntrattwali, għandha l-kompetenza li ma tapplikax regola teknika nazzjonali adottata matul il-perijodu ta' rinviju ta' l-adozzjoni stess prevista mill-Artikolu 9 tad-Direttiva 83/189/KEE, kif emendata mid-Direttiva 94/10/KE (aktar 'il quddiem: "id-Direttiva 83/189").

39. Madankollu jeħtieġ li jiġi ripetut li l-kawża Unilever Italia tirrigwarda r-regoli tekniċi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'din il-kawża espressament sostniet li ma kienx il-każ ta' nuqqas ta' traspożizzjoni fit-termini ta' Direttiva, li tistabbilixxi d-drittijiet ta' l-individwi, fil-liġi nazzjonali. Il-kawża Unilever kienet tikkonsisti f'każ li d-Direttiva 83/189 ma kienet tiddefinixxi bl-ebda mod il-kontenut sostanzjali tar-regola legali li l-qorti nazzjonali kellha tapplika għall-att tad-deċiżjoni tal-kawża pendenti quddiemha. Id-Direttiva la kienet toħloq drittijiet u lanqas obbligi għall-individwi [27]. Il-leġiżlazzjoni interna, il-liġi Taljana Nru 313, fil-fatt kienet kisret b'mod lampanti d-dispożizzjonijiet proċedurali tad-Direttiva 83/189 li jipprovdu għal terminu li matulu l-Istati Membri ma jadottawx regoli simili.

40. Minħabba li r-regoli armonizzati għall-bibien li fuqhom huwa maħsub li jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku għadhom mhumiex applikabbli, jeħtieġ li tiġi vverifikata l-konformità ta' dawn il-bibien mal-ħtiġijiet essenzjali previsti mill-Anness I tad-Direttiva 89/106 permezz ta' proċedura ta' attestazzjoni speċjali. Madankollu, id-direttiva msemmija ma tirregolax il-proċedura ta' ċertifikazzjoni u jiġifieri l-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità b'mod komplet u eżawrjenti. Il-Kummissjoni tistabbilixxi abbażi ta' l-Artikolu 20 tad-Direttiva 89/106 u b'kollaborazzjoni mal-kumitat permanenti għall-kostruzzjoni, formola ta' attestazzjoni tal-konformità l-aktar adegwat [28]. L-Anness

25 — L-Artikolu 1(9) tad-Direttiva 98/34/KE jistabbilixxi li "regolament tekniku", għandu jfisser speċifikazzjonijiet u ħtiġijiet oħra tekniċi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti, li l-osservanza tagħhom hija obbligatorja, *de jure* jew *de facto*, fil-każ tal-bejgħ fis-suq jew l-użu fi Stat Membru jew f'parti kbira minnu, kif ukoll il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri, għajr dawk li għalihom hemm provdut fl-Artikolu 10, li huma intiżi sabiex jipprojbixxu l-manifattura, l-importazzjoni, il-bejgħ fis-suq jew l-użu ta' prodott.

26 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Settembru 2000, Unilever Italia, C-443/98, Ġabra p. I-7535 *et seq.*). Il-kawża ċivili fil-proċediment prinċipali quddiem il-qorti Taljana kienet tirreferi għall-kawża bejn Central Food u Unilever Italia. Fid-29 ta' Settembru 1998, l-Unilever Italia kkunsinjat, abbażi ta' ordni minn Central Food, 648 litri ta' żejt taż-żebbuġa. Fit-30 ta' Settembru 1998, Central Food, wara kontroll tal-merkanzija, irrilevat difett sostanzjali u kkomunikat lil Unilever Italia li ż-zejt ma kienx etikettat b'mod konformi mal-liġi Taljana, jiġifieri mal-liġi 313/98, ippubblikata fil-Gazzetta ufficiale della Repubblica italiana tad-29 ta' Awwissu 1998 u li daħlet fis-seħħ il-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni. Għaldaqstant il-General Food irrifjutat li tħallas u kienet qed titlob minn Unilever li din tipprovdi sabiex tieħu lura fl-imħażen tagħha ż-żejt li diġà kienet ikkunsinjat.

27 — Sentenza iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 51.

28 — *Langner:* Technische Vorschriften und Normen, punt 73.

III tad-Direttiva 89/106 jistabbilixxi biss il-metodi ta' kontroll ta' konformità [29], li jistgħu jiġu mħallta fil-preparazzjoni tal-moduli ta' attestazzjoni ta' konformità għall-prodott speċifiku. Il-punt 2 ta' l-Anness III tad-Direttiva 89/106 jipprovdi għall-moduli varji ta' attestazzjoni tal-konformità, li fihom kombinazzjonijiet differenti tal-metodi ta' kontroll tal-konformità. Madankollu, il-moduli fihom infushom mhumiex vinkolanti [30]; il-Kummissjoni fil-fatt tista' tistabbilixxi, fid-deċiżjoni dwar l-attestazzjoni ta' konformità tal-materjali tal-kostruzzjoni, dwar il-kombinazzjonijiet ta' proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità differenti. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrigwarda l-għażla tal-proċedura (i) ta' attestazzjoni tal-konformità hija adottata bħala regola flimkien mad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-mandat għar-regoli armonizzati [31].

41. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/683/KEE [32] kienet tipprovdi li l-prodotti industrijali regolati mid-Direttivi dwar l-armonizzazzjoni teknika setgħu jitpoġġew fis-suq biss jekk ikollhom il-marka CE.

42. Din id-deċiżjoni ġiet abrogata u sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465 [33], li f'dak li jirrigwarda l-marka KE, fiha dispożizzjonijiet simili [34]. Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465, l-iskop essenzjali ta' proċedura ta' evalwazzjoni tal-konformità huwa li jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi li jiżguraw li l-prodotti mqiegħda fis-suq jikkonformaw mal-ħtiġijiet kif imfissra fid-dispożizzjonijiet tad-direttivi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà ta' min jużahom u tal-konsumaturi [35]. Dawn id-dispożizzjonijiet tad-direttivi jinsabu l-aktar fl-Annessi li fihom il-ħtiġijiet essenzjali, u dawn ta' l-aħħar huma vinkolanti [36]. L-imsemmija deċiżjoni tipprovdi bħala regola ġenerali li l-prodott għandu jiġi sottopost għal żewġ fażijiet ta' evalwazzjoni tal-konformità, u jiġifieri l-fażi tad-disinn u l-fażi ta' fabbrikazzjoni tal-prodotti, u biss fil-każ li r-

29 — L-Anness III, punt 1 tad-Direttiva 89/106 jistabbilixxi l-metodi ta' kontroll ta' konformità li jikkonsistu fl-ittestjar tal-bidu tat-tip tal-prodott mill-manifattur jew minn korp approvat, ittestjar ta' kampjuni meħuda mill-fabbrika bi konformità ma' pjan ta' test preskritt mill-manifattur jew minn korp approvat, ittestjar għall-verifika (*audit-testing*) ta' kampjuni meħuda mill-fabbrika, fis-suq ħieles jew f'żona ta' bini mill-manifattur jew minn korp approvat, ittestjar ta' kampjuni minn kunsinna li lesta biex tinġarr, jew li twasslet, mill-manifattur jew minn korp approvat, kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika, spezzjoni fil-bidu tal-fabbrika u tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika minn korp approvat u sorveljanza kontinwa, ġudizzju u evalwazzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika minn korp approvat.

30 — *Langner*: Technische Vorschriften und Normen, punt 73.

31 — *Ibid.*

32 — Deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 1990, dwar il-moduli relattivi għall-fażijiet differenti tal-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità, li għandhom jiġu użati fid-Direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU L 380, p. 13).

33 — Deċiżjoni tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-Direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU L 220, p. 23).

34 — Id-duttrina Franċiża, fl-analiżi tad-dispożizzjonijiet penali ta' l-ordinament Franċiż, issostni li t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li m'għandhomx il-marka KE, fejn dan huwa previst b'mod obbligatorju, jikkostitwixxi reat kriminali (Inforeg: "Le marquage CE: cahier pratique", Cahiers de droit de l'entreprise, 1/2006, p. 79, 81).

35 — Linji Gwida I A, (a) tad-Deċiżjoni 93/465.

36 — L-Avukat Ġenerali Ján Mazák jindika li l-ħtiġijiet essenzjali huma vinkolanti, b'differenza mill-istandards tekniċi (Konklużjonijiet tal-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata fin-nota 12, punt 33).

riżultati ta' tali kontroll ikunu pożittivi dan jista' jitqiegħed fis-suq [37]. Għalhekk nistgħu nitkellmu fuq proċedura vinkolanti ta' evalwazzjoni tal-konformità.

43. Mill-mod kif inhu miktub l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106 jirriżulta b'mod ċar li l-materjali tal-kostruzzjoni jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali. Mill-Artikolu 4(6) moqri flimkien ma l-Artikolu 4(2) ta' l-istess direttiva, minflok jirriżulta li l-marka CE impoġġija fuq il-materjali tal-kostruzzjoni, tindika li l-prodott jissodisfa l-ħtiġijiet essenzjali. Id-duttrina għalhekk issostni li anke l-materjali ta' kostruzzjoni jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk għandhom il-marka CE [38]. Il-marka CE tindika li l-prodott huwa adattat biex jiġi kkummerċjalizzat ġewwa l-Komunità [39].

44. Ir-risposta għad-domanda, jekk materjal speċifiku ta' kostruzzjoni jissodisfax il-ħtiġijiet essenzjali kif previst mill-Anness I tad-Direttiva 89/106, hija mogħtija mid-Deċiżjoni 1999/93. Il-konformità ta' bibien u gradi bi jew mingħajr aċċessorji għall-użu fil-kompartimentazzjoni ta' nar/duħħan u f'rotot ta' emerġenza, tiġi attestata, konformement ma' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 1999/93, abbażi ta' proċedura li permezz tagħha, barra mis-sistema ta' kontroll tal-produzzjoni ta' fabbrika magħmul mill-manifattur, jintervjeni fil-kontroll u fis-sorveljanza tal-produzzjoni jew tal-prodott, korp ta' ċertifikazzjoni. Fl-Anness III tad-Deċiżjoni 1999/93 għall-bibien bl-aċċessorji maħsuba għall-użu fil-kompartimentazzjoni tan-nar/duħħan u f'rotot ta' emerġenza hemm espressament prevista s-sistema ta' attestazzjoni ta' konformità Nru 1.

45. Fl-aħħar nett, għad irid jiġi stabbilit jekk il-bibien li fuqhom kien maħsub li jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku humiex bibien u gradi bi jew mingħajr aċċessorji maħsuba għall-użu fil-kompartimentazzjoni ta' nar/duħħan u f'rotot ta' emerġenza skond l-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 1999/93.

46. Fuq domanda espressa tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpanniji Carp u Ecorad, waqt is-seduta li saret quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, iċċaraw li l-bibien in kwistjoni li għandhom pumijiet kontra l-paniku huma prodotti konġunti magħmula minn bieb u mill-pum kontra l-paniku. Dan il-prodott għandu l-iskop li jiffaċilita l-ħruġ malajr kemm jista' jkun mill-bini. Il-Carp u l-Ecorad iċċaraw ukoll li l-pumijiet sa mis-sena 2003 għandhom jkollhom il-marka CE tagħhom. Fuq domanda espressa tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpannija Carp u l-Kummissjoni

37 — Linji Gwida I A, (a), (b) u (ċ) tad-Deċiżjoni 93/465.

38 — *Rocco, G.*: L'etichettatura dei prodotti in commercio, Santarcangelo di Romagna, 2006, p. 132.

39 — *Finke, K.*: Die europäische technische Normung, v: *Reichel C., Schneider H., Weyer H. (ur.)*: Beiträge zum deutschen und europäischen Energierecht: Festschrift für Professor Dr. jur. Jürgen F. Baur zum 60. Geburtstag, Baden-Baden 1998, p. 141(147), *Aubry-Caillaud*, La libre circulation des marchandises nouvelle approche et normalisation européenne, p. 218.

żiedu wkoll, mingħajr ma l-Ecorad ikkuntestat din l-affermazzjoni, li l-bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku għandhom fl-intier tagħhom jkunu mmarkati bil-marka CE, u jiġifieri l-prodott kollu li jaġixxi bħala bieb ta' barra [40] fir-rotta tal-ħruġ jew li jaġixxi bħala ħruġ ta' emerġenza mill-bini għandu jkollu l-marka CE.

48. Għal din ir-raġuni nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi l-ewwel domanda mressqa mit-Tribunale Ordinario di Novara billi tiddikjara li, l-Artikoli 2 u 3 u l-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 1999/93 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq il-bibien ta' ħruġ mill-bini maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku u mhux ċertifikati bis-sistema ta' attestazzjoni ta' konformità Nru 1.

B — *It-tieni domanda preliminari*

47. Għall-fini tad-definizzjoni tal-bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku bħal bibien li fuqhom hemm imwaħħla pumijiet għall-ħruġ ta' emerġenza skond id-Deċiżjoni 1999/93 hija ta' importanza fundamentali l-affermazzjoni li għamlu l-kumpanniji Carp u Ecorad waqt is-seduta u jiġifieri li l-bibien mibjugħa, li huma l-oġġett tal-kawża prinċipali, għandhom il-funzjoni ta' bibien ta' barra biex jaġevolaw il-ħruġ malajr mill-bini u in parti anke l-affermazzjoni tal-kumpannija Ecorad, magħmula waqt is-seduta, li l-bibien huma maħsuba għall-ħruġ ta' emerġenza. Il-fatt li l-bibien li huma l-oġġett tal-kawża, prodotti mill-kumpannija Carp huma intiżi sabiex jitwaħħlu bħala bibien ta' barra biex jaġevolaw il-ħruġ malajr mill-bini, jistgħu jidħlu fil-kunċett astratt ta' bibien b'aċċessorji għar-rotot ta' emerġenza skond l-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 1999/93.

1. Argumenti tal-partijiet

49. Il-kumpannija Carp issostni li d-Deċiżjoni 1999/93 hija indirizzata esklużivament għall-Istati Membri u li ma tipproduċix effetti vinkolanti fost l-individwi, minħabba li abbażi ta' dak previst fl-Artikolu 249 KE, hija obbligatorja għad-destinatarji tagħha biss. Il-Kummissjoni, filwaqt li approvat l-imsemmija Deċiżjoni, segwiet sempliċement l-obbligu li tiddetermina s-sistemi ta' attestazzjoni tal-konformità għat-tipoloġiji differenti ta' bibien abbażi tad-Direttiva 89/106, u stabbilixxiet b'din id-Deċiżjoni t-tip ta' proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodott speċifiku jew kategorija ta' prodotti skond l-ispeċifikazzjonijiet tad-Direttiva 89/106. Il-Kummissjoni tagħti lis-CEN il-mandat għar-realizzazzjoni ta' l-istandards tekniċi, li abbażi tagħhom is-CEN jifformula,

40 — Bibien ta' barra huma bibien sitwati fir-rotta tal-ħruġ mill-bini.

permezz ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, il-ħtiġijiet essenzjali għall-prodott determinat u fl-istess waqt jistabbilixxi l-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità. Meta r-regola armonizzata tiġi adottata, hija tiġi trasposta mill-Istati Membri fl-ordinament tagħhom. Huwa biss b'tali traspożizzjoni li l-ħtiġijiet tekniċi jsiru obbligatorji għall-produtturi.

50. Il-kumpannija Ecorad tosserva li meta l-Kummissjoni approvat id-Deċiżjoni 1999/93, hija applikat l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 89/106. Barra minn hekk, fir-rigward ta' l-effetti tad-deċiżjoni, hija tafferma, waqt li tagħmel referenza għall-Artikolu 249 KE, li d-deċiżjoni għandha effett obbligatorju u li hija obbligatorja għal dawk kollha li hija indirizzata lilhom. Id-deċiżjoni indirizzata lill-Istati Membri hija in parti simili għad-direttiva minħabba li titlob lill-Istati Membri sabiex jadottaw pożizzjoni definita, kif ukoll li jeffettwaw it-traspożizzjoni tagħha fl-ordinament intern. Jekk id-deċiżjoni jkun fiha dispożizzjonijiet li huma applikabbli direttament, dawn ta' l-aħħar għandhom effett dirett fid-dritt intern.

51. Id-Deċiżjoni 1999/93 ġiet adottata sabiex tiġi elaborata regola teknika li jista' jkollha effetti fuq id-drittijiet ta' l-individwi. Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi l-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità għall-grupp ta' prodotti. Huwa stabbilit li l-Istati Membri għandhom jittrasponu r-regola armonizzata, fl-ordinament intern tagħhom meta din tiġi adottata, madankollu l-effetti tad-Deċiżjoni 1999/93 illum jeżistu diġà. Id-deċiżjonijiet maħsuba għall-individwi huma fihom innifishom direttament applikabbli u għandhom effett immedjat fl-Istati Membri. Id-Deċiżjoni 1999/93 hija obbligatorja u applikabbli direttament fir-rigward tal-produtturi preżenti fis-suq Taljan.

52. Il-Gvern Awstrijak isostni li risposta għat-tieni domanda mhix neċessarja.

53. Il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 2 u l-Anness II tad-Deċiżjoni 1999/93 għandhom jiġu applikati jekk ikun hemm speċifikazzjonijiet tekniċi skond id-Direttiva 89/106. B'referenza għall-Artikolu 3 u għall-Anness III tad-Deċiżjoni 1999/93, hija minflok issostni li dawn mhumiex applikabbli minħabba li r-regoli armonizzati ma jeżistux. Waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni fuq domanda preċiża tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li d-Deċiżjoni 1999/93 m'għandhiex effett dirett fost l-individwi. Dawn jistgħu jressqu kawża quddiem il-qorti biss abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li permezz tagħhom tkun saret it-traspożizzjoni ta' tali Deċiżjoni.

2. Kunsiderazzjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali

54. L-ewwel u qabel kollox għandu jiġi rrilevat li fil-prassi, id-Deċiżjoni tal-Kum-

missjoni dwar l-għażla tal-metodu jew tal-metodi ta' attestazzjoni tal-konformità ġiet adottata korrettament flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-għoti tal-mandat għar-regoli [41] u hija indirizzata lill-Istati Membri.

55. L-Artikolu 249 KE fih lista ta' l-atti leġiżlattivi tipiċi tad-dritt Komunitarju [42]. Ir-raba' paragrafu ta' dan l-Artikolu jipprovdi li d-deċiżjoni hija obbligatorja fl-elementi kollha tagħha għad-destinatarji li hija ssemmi. Dan l-Artikolu jfisser l-effett legali tad-deċiżjoni, iżda mhux in-natura legali tagħha. Għal din ir-raġuni, id-domanda li biha l-qorti tar-rinviju titlob jekk id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 u 3 u ta' l-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 1999/93 humiex legalment vinkolanti għandha tiġi mifhuma fis-sens li din id-Deċiżjoni għandha effett direttt. Fir-rigward tat-tielet domanda, mressqa mill-qorti tar-rinviju, it-tieni domanda *a contrario* ma tistax tiġi interpretata fis-sens li biha jiġi mistoqsi jekk id-deċiżjoni hijiex valida. Għal din ir-raġuni jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni, indirizzata lill-Istati Membri kollha, għandhiex effett direttt, u jekk tali effett huwiex vertikali jew orizzontali wkoll.

56. Fid-dritt Komunitarju ssir distinzjoni, fil-kuntest ta' l-effett direttt ta' l-atti legali, bejn l-effett direttt sħiħ u l-effett direttt parzjali. B'effett direttt sħiħ huwa mifhum li att tad-dritt Komunitarju joħloq drittijiet fir-rapport fost l-individwi (*effett direttt orizzontali*), drittijiet fir-rapport bejn l-individwu u l-Istat Membru (*effett direttt vertikali 'l fuq)* u drittijiet fir-rapport bejn l-Istat u l-individwu (*effett direttt vertikali l-isfel).* L-effett direttt parzjali joħloq biss drittijiet ta' l-individwu fir-rapport lejn l-Istat Membru (*effett direttt vertikali 'l fuq)* [43].

57. Skond l-Artikolu 249 KE, id-destinatarji tad-deċiżjoni jistgħu jkunu individwi jew Stat Membru, jew l-Istati Membri kollha [44].

58. Fil-każ fejn id-destinatarji tad-deċiżjoni jkunu individwi speċifiċi, id-deċiżjoni adottata fuq il-bażi legali tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE, tista' tiġi mqabbla ma' att amministrattiv [45]. Għal din ir-raġuni, id-

41 — *Langner,* Technische Vorschriften und Normen, punt 73.

42 — *Schmidt G. f'von der Groeben/Schwarze,* Artikolu 249 KE, punti 15 u 16.

43 — *Sauron J.-L.*: L'application du droit de l'Union européenne en France, tieni edizzjoni, Pariġi 2000, p. 39 u 40. L-awtur isostni li fil-preżenza ta' determinati presupposti d-direttivi u d-deċiżjonijiet għandhom biss effett direttt vertikali 'l fuq.

44 — *Oppermann T.*: Europarecht, tielet edizzjoni, München 2005, p. 169, *Fischer H. G.*: Europarecht, tielet edizzjoni, München 2001, p. 79, *Öhlinger T., Potacs M.*: Gemeinschaftsrecht und staatliches Recht, tielet edizzjoni aġġornata, Vjenna 2006, p. 12, *Blumann C., Dubois L.,*: Droit institutionnel de l'Union européenne, tieni edizzjoni, Pariġi 2005, p. 416, *Greaves R.*: The nature and Binding Effect of Decisions under Article 189 EC, European Law Review, 21(1996), p. 3 (3 u 4), *Mager, U.*: Die staatengerichtete Entscheidung als supranationale Handlungsform, Europarecht 36(2001), p. 661 (663).

45 — Din l-affermazzjoni tapplika biss għas-sistemi legali li fihom att amministrattiv huwa att legali individwali u speċifiku, bħala eżempju fil-Ġermanja, fl-Awstrija u fl-Islovenja (ara *Schütz H.-J., Bruha T., König D.*: Casebook Europarecht, München 2004, p. 156).

duttrina ssostni li d-deċiżjoni indirizzata lill-individwi determinati hija att legali individwali [46], nieqes minn effett ġenerali u astratt [47]. Minħabba li d-deċiżjoni li tiġi indirizzata lill-individwu determinat jew lill-individwi determinati ma teħtieġx, għall-fini tat-traspożizzjoni tal-kontenut tagħha fid-dritt intern, ta' att legali intern ta' l-Istati Membri, hija tista', fir-rapport bejn destinatarji u Stat Membru, tingħata effett dirett [48], li dawn jistgħu jressqu f'kawża quddiem il-qrati nazzjonali [49].

59. Id-deċiżjoni, li d-destinatarji tagħha huma l-Istati Membri kollha, hija att ġenerali, jekk jiġu kkunsidrati l-effetti tagħha [50]. Il-kontenut tad-Deċiżjoni 1999/93 huwa aktar simili għal dak ta' direttiva minn dak ta' deċiżjoni kollettiva [51], li permezz tagħha jiġu regolati r-rapporti individwali [52].

60. Jekk l-iskop tad-deċiżjoni adottata mill-istituzzjonijiet huwa dak li tarmonizza l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju, din id-deċiżjoni hija bħala regola indirizzata lill-Istati Membri kollha. L-effett ta' deċiżjoni

46 — *Blumann, Dubois*: Droit institutionnel de l'Union européenne, p. 419.

47 — *Lenaerts K., van Nuffel P., Bray R.*: Constitutional Law of the European Union, tieni edizzjoni, Londra 2006, p. 780 u 781, *van Raepenbusch Sean*: Droit institutionnel de l'Union européenne, raba' edizzjoni, Brussell 2005, p. 373. Dan l-aħħar awtur josserva li ta' spiss id-distinzjoni bejn att leġiżlattiv u d-deċiżjoni kollettiva indirizzata lill-Istati Membri kollha hija diffiċli. Fid-duttrina Ġermaniża jingħata sostenn lit-teżi li permezz ta' l-istrument tad-deċiżjoni, irraba' paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE tpoġġi għad-dispożizzjoni ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi Komunitarji att legali biex jirregola b'effett vinkolanti l-każijiet individwali (*Schütz, Bruha, König*, Casebook Europarecht, p. 156).

48 — *Schütz, Bruha, König*: Casebook Europarecht, p. 167, *Schmidt G.* v: *von der Groeben/Schwarze*, Artikolu 249 KE, punt 46.

49 — *Jacqué J.-P.*: Droit institutionnel de l'Union européenne, tielet edizzjoni, Pariġi 2004, p. 575.

50 — Id-duttrina hija ta' l-opinjoni li d-deċiżjonijiet li d-destinatarji tagħhom huma l-Istati Membri kollha, jikkostitwixxu, "biex jingħad hekk atti leġiżlattivi" għaliex bħala regola fihom obbligi għall-Istati Membri favur il-pubbliku u mhux ta' l-individwi (ara *Greaves:* The nature and Binding Effect of Decisions under Article 189 EC, p. 4 u 10). Duttrina oħra ssostni minflok, li, minħabba s-similarità mad-direttivi, l-effett orizzontali tad-deċiżjonijiet maħsuba għall-Istati Membri jonqos fir-rapport fost l-individwi (*Jacqué*, Droit institutionnel de l'Union européenne, p. 575). Ix-xjenza legali Ġermaniża ssostni li bl-istess mod id-deċiżjonijiet intiżi għall-Istati Membri, japplikaw, bħal ma japplikaw għad-direttiva, ir-restrizzjonijiet ta' l-effett vertikali immedjat u vinkolanti għall-individwu (*Vogt M.*, Die Rechtsform der Entscheidung als Mittel abstrakt genereller Steuerung, v: *Schmidt-Assmann E., Schöndorf B. (ur.)*, Der Europäische Verwaltungsverbund, Tübingen 2005, p. 232).

51 — Id-deċiżjoni kollettiva għandha aktar destinatarji, iżda fis-sustanza għandha rwol ta' serje ta' deċiżjonijiet individwali (Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Maurice Lagrange ta' l-20 ta' Novembru 1962 fil-kawżi magħquda 16/62 u 17/72 Confédération des producteurs de fruits et légumes et vs Il-Kunsill, Ġabra p. 879). Minn din il-perspettiva huwa ta' interess partikolari l-paragun mad-definizzjoni ta' deċiżjoni kollettiva fl-ordinament Sloven. F'tali sens, l-Artikolu 217 tal-Liġi Slovena dwar il-proċediment amministrattiv in ġenerali jfisser id-deċiżjoni kollettiva fil-mod li ġej: "Meta huwa l-każ ta' kwistjoni li tirrigwarda numru għoli ta' suġġetti determinati, tista' tiġi adottata deċiżjoni waħda fir-rigward ta' kollha; is-suġġetti għandhom jiġu msemmija fid-dispożitiv tad-deċiżjoni, filwaqt li fil-motivazzjoni għandhom jissemmew ir-raġunijiet b'referenza għal kull suġġett individwali".

52 — *Blumann, Dubois*: Droit institutionnel de l'Union européenne, p. 420, jaffermaw li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni indirizzati lill-Istati Membri kollha, jiġu, minħabba "n-natura leġiżlattiva tagħhom" u jiġifieri l-effett ġenerali tagħhom, huma fil-prassi ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali KE, minkejja li l-Artikolu 254 KE ma jipprevedix tali pubblikazzjoni. L-analiżi lingwistika ta' l-Artikolu 254 KE turi li fil-Ġurnal Uffiċjali jiġu ppublikati biss id-deċiżjonijiet approvati mill-Parlament u mill-Kunsill fil-proċediment ta' ko-deċiżjoni abbażi ta' l-Artikolu 251 KE u mhux id-deċiżjonijiet ġenerali tal-Kummissjoni, indirizzati lill-Istati Membri kollha.

bħal din fl-Istati Membri huwa ġenerali u astratt [53]. Jekk inqabblu din il-pożizzjoni mad-dritt intern, id-deċiżjoni ta' istituzzjoni Komunitarja maħsuba għall-Istati Membri kollha hija simili fil-kontenuti għar-rakkomandazzjoni li l-gvern jadotta fil-konfront ta' l-amministrazzjoni għall-implementazzjoni ta' regola. L-Istati Membri għandhom jittrasponu deċiżjoni bħal din fid-dritt intern. L-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni 1999/93 fil-fatt jindikaw lill-Istati Membri kif għandha tiġi applikata d-Direttiva 89/106 fil-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità ta' bibien, twieqi, persjani, gradi u aċċessorji. Għal din ir-raġuni, il-kontenut ta' l-Artikoli 1 u 2 huwa simili għal dak tad-Direttiva.

61. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li fil-każ ta' "deċiżjonijiet indirizzati lill-Istati Membri, [l-]obbligu japplika għall-korpi kollha ta' l-Istat destinatarju, inklużi l-qrati. Jirriżulta minn dan, skond is-supremazija tad-dritt Komunitarju [...] il-qrati nazzjonali għandhom jastjenu milli japplikaw *standards* interni [...], li l-applikazzjoni tagħhom tista' tostakola l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni Komunitarja" [54].

62. Id-deċiżjonijiet indirizzati lill-Istati Membri kollha għandhom taħt ċerti kundizzjonijiet effett dirett b'mod li anke terzi persuni jistgħu jressqu kawża quddiem il-qorti nazzjonali fuqhom [55].

53 — *Mager, U.*, Die staatengerichtete Entscheidung als supranationale Handlungsform, p. 664. L-awtriċi tosserva li għal tali raġuni, il-kontenut tad-deċiżjoni, indirizzata lill-Istati Membri kollha u dak tad-direttiva jissovraponi ruħu. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat fid-digriet tagħha tal-25 ta' Mejju 2004, Schmoldt *et* vs Il-Kummissjoni T-264/03 (Ġabra p. II-1515, punt 94) li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/312/KE tad-9 ta' April 2003 dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi tar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżolazzjoni termali, il-ġeotessili, it-tagħmir fiss tat-tifi tan-nar u l-blokki tal-ġibs indirizzata lill-Pajjiżi Membri kollha, hija att ta' "natura ġenerali" skond id-Direttiva 89/106/KEE tal-Kunsill (ĠU L 114, p. 50). Tali Deċiżjoni, indirizzata lill-Istati kollha, ġiet approvata abbażi ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/106, li tistabbilixxi li fil-każ li Stat Membru jew il-Kummissjoni jkunu tal-fehma li l-istandards armonizzati, l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew il-mandati ma jissodisfawx id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva, l-Istat Membru stess jew il-Kummissjoni għandhom jgħarrfu uffiċjalment lill-Kumitat li għalih jirreferi l-Artikolu 19 billi jagħti r-raġunijiet tagħhom. Il-Kumitat għandu, iwassal l-opinjoni tiegħu mingħajr dewmien. Fid-dawl ta' l-opinjonijiet tal-Kumitat u wara konsultazzjoni mal-kumitat stabbilit skond id-Direttiva 89/106/KEE, fejn tolqot l-istandards armonizzati, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri dwar in-neċessità tar-revoka ta' l-imsemmija standards jew l-approvazzjoni permezz tal-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(3). Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet irrikors għaliex ir-rikorrent ma weriex interess individwali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ir-rikors f'parti manifestament infondat u parti manifestament inammissibbli kontra tali ordinanza permezz tas-sentenza tas-16 ta' Settembru 2005, Schmoldt *et* vs Il-Kummissjoni C-342/04 P, (li għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġabra).

54 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Mejju 1987, Albako C-249/85 (Ġabra p. 2345, punt 17). F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-kawża bejn manifattur tal-marġerina u l-entità ta' intervent agrikolu Ġermaniż rigward il-komportament miżmum mill-korp Ġermaniż abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-bejgħ tal-butir.

55 — *Schmidt G.* v: *von der Groeben/Schwarze*, Artikolu 249 KE, punt. 46. Madankollu, id-duttrina tavża li l-effett dirett ta' deċiżjonijiet indirizzati lill-Istati Membri għandu jirriżulta anke min-natura, mill-kuntest u mill-kontenut tad-dispożizzjoni in kwistjoni; din ta' l-aħħar għandha fil-fatt tkun tali li toħloq effett immedjat fir-rapport legali bejn id-destinatarju u t-terzi persuni (*Lenaerts, van Nuffel, Bray*: Constitutional Law of the European Union, p. 781). Parti mid-duttrina Ġermaniża addirittura ssostni li d-deċiżjonijiet indirizzati lill-Istati Membri jiksbu l-effett dirett bl-istess kundizzjonijiet (*die gleichen Voraussetzungen*) mitluba għad-direttivi (*Schütz, Bruha, König*: Casebook Europarecht, p. 167). Madankollu, bl-espressjoni "l-istess kundizzjonijiet", ma nistgħux naqblu, speċjalment wara l-analiżi tas-sentenzi tal-5 ta' April 1979, Ratti, 148/78 (Ġabra p. 1629), tad-19 ta' Jannar 1982, Becker 8/81 (Ġabra p. 53), ta' l-20 ta' Settembru 1988, Oberkreisdirektor des Kreises Borken, 190/87 (Ġabra p. 4689). Mis-sentenzi ċċitati jirriżulta li l-effetti tad-direttiva, ladarba din tiġi traposta korrettament fid-dritt nazzjonali, japplikaw fir-rigward ta' l-individwu permezz tal-provvedimenti ta' implementazzjoni adottati mill-Istat Membru. Id-diffikultajiet iqumu biss fil-każ fejn l-Istat Membru ma jimplementax korrettament id-Direttiva, u b'mod speċjali, jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva baqgħu ma ġewx implementati minkejja li għadda t-terminu jew jinħolqu għall-partijiet drittijiet fir-rapport ma' l-Istati. F'każ bħal dan, id-dritt tal-parti li jressaq kawża quddiem il-qorti nazzjonali, fir-rapport ma' l-Istat Membru li ma ggarantixxix traspożizzjoni korretta tad-Direttiva, id-dispożizzjoni inkundizzjonata u suffiċjentement definita tad-direttiva ssib il-fundament tagħha fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE u l-Artikolu 10 KE.

63. Il-ġurisprudenza żviluppat fil-bidu tas-snin 70, it-teorijia li ssostni li "tkun f'kuntrast man-natura obbligatorja mogħtija mill-Artikolu 189 [56], jekk id-deċiżjoni teskludi, b'mod ġenerali, il-possibbiltà li l-obbligu impost minnha jiġi invokat mill-eventwali interessati. B'mod partikolari, fil-każijiet fejn l-awtoritajiet Komunitarji, permezz ta' deċiżjoni, obbligaw Stat Membru jew l-Istati Membri kollha sabiex jadottaw imġiba determinata, il-portata ta' l-att tiġi ristretta jekk l-individwi ma setgħux jieħduh in kunsiderazzjoni bħala regola tad-dritt Komunitarju. L-effetti ta' deċiżjoni jistgħu ma jkunux identiċi għal dik ta' dispożizzjoni li tinsab f'regolament, iżda tali differenza ma teskludix li r-riżultat finali, li jikkonsisti fid-dritt ta' l-individwu li jressaq kawża quddiem il-qorti nazzjonali abbażi ta' l-effett ta' l-att, ma jistax ikun l-istess fiż-żewġ każijiet" [57].

64. Sabiex deċiżjoni indirizzata lill-Istati Membri tkun direttament applikabbli, l-obbligu ta' l-Istat Membru li jirriżulta mid-deċiżjoni huwa "inkundizzjonat u ċar biżżejjed u preċiż biex ikun jista' jkollu effett immedjat fir-rapporti bejn l-Istati Membri u l-individwi" [58]. "Il-fatt li deċiżjoni tippermetti lill-Istati Membri li huma d-destinatarji li jidderogaw minn dispożizzjonijiet ċari u preċiżi ta' l-istess Deċiżjoni, fih innifsu ma jistax inaqqas l-effett dirett ta' l-imsemmija dispożizzjonijiet. B'mod partikolari, dispożizzjonijiet ta' dan it-tip jista' jkollhom effett dirett meta l-possibbiltà ta' derogazzjoni minnhom hija suġġetta għall-stħarriġ ġudizzjarju" [59].

65. Permezz ta' l-eżami tal-ġurisprudenza ċċitata nistgħu nikkonstataw li l-ġurisprudenza fil-qasam ta' deċiżjonijiet ħadet ħsieb biss ta' l-effett dirett vertikali 'l fuq, u għalhekk tad-dritt ta' l-individwu li jinvoka waqt kawża l-effett tad-deċiżjoni fir-rapport ma' l-Istat Membru jew ma' l-Istati Membri destinatarji ta' l-istess. Fil-kawża in kwistjoni huwa stabbilit li l-kumpannija Carp, f'kunflitt ma' l-awtoritajiet pubbliċi Taljani — jiġifieri ma' l-Istat Taljan — tista' tinvoka d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 1999/93 fir-rigward tal-implementazzjoni tal-ħtiġijiet essenzjali mitluba għall-bibien, maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku.

56 — Li sar l-Artikolu 249 KE.

57 — Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1970, Grad, (9/70 Ġabra p. 825, punt 5), tal-21 ta' Ottubru 1970, Lesage, (20/70 Ġabra p. 861, punt 5) u tal-21 ta' Ottubru 1970, Haselhorst, (23/70 Ġabra p. 881, punt 5).

58 — Sentenza Grad (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57, punt 9). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'din il-kawża li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 65/271/KEE tat-13 ta' Mejju 1965, li tipprojbixxi l-Istati Membri milli jimlew is-sistema komuni tat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ b'sistemi ta' taxxi speċifiċi simili jista' jkollu effett immedjat fir-rapporti bejn l-Istati Membri destinatarji tad-deċiżjoni u l-individwi, effett li dawn ta' l-aħħar jistgħu jinvokaw quddiem il-qorti nazzjonali.

59 — Sentenza ta' l-10 ta' Novembru 1992, Hansa Fleisch Ernst Mundt (156/91, Ġabra p. I-5567, punt 15). F'din il-kawża li kienet tirrigwarda l-livelli tal-kontribut li għandu jingħabar għall-ispejjeż ikkawżati mill-ispezzjonijiet u mill-kontrolli sanitarji tal-laħam frisk, skond id-Direttiva 85/73/KEE, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet referenza għas-sentenza ta' l-4 ta' Diċembru 1974, Van Duyn (41/74, Ġabra p. 1337), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet anke fuq l-effett dirett vertikali 'l fuq tad-Direttivi.

Madankollu, il-każ jirrigwarda kawża ċivili bejn żewġ persuni individwali. Għaldaqstant hija kwistjoni li tirrigwarda l-effett dirett orizzontali tad-Deċiżjoni 1999/93 fejn id-destinatarji huma l-Istati Membri kollha.

66. Id-duttrina ssostni li d-deċiżjonijiet li, id-destinatarji tagħhom huma l-Istati Membri kollha, m'għandhomx effetti diretti orizzontali [60]. Id-duttrina tasal għal din il-konklużjoni billi tafferma li l-ġurisprudenza dwar l-effett dirett orizzontali tad-direttivi jiġi "ampjament" applikat anke għad-deċiżjonijiet fejn id-destinatarji huma l-Istati Membri kollha [61]. Il-ġurisprudenza dwar l-effett dirett orizzontali tad-direttivi tradizzjonalment issostni li "direttiva ma tistax fiha nnifisha toħloq obbligi għal individwu u għalhekk ma tistax tiġi invokata bħala tali fir-rigward tiegħu" [62]. Għaldaqstant, anke "dispożizzjoni ċara, preċiża u inkundizzjonata ta' direttiva intiża sabiex tagħti drittijiet jew sabiex timponi obbligi fuq individwi ma tistax tiġi applikata bħala tali fil-kuntest ta' kawża li hija esklużivament bejn individwi" [63]. Għal din ir-raġuni, id-duttrina tosserva li l-ġurisprudenza ma tippermettix li, individwu fir-rapport ma individwu ieħor, jkun jista' jinvoka waqt kawża d-dispożizzjonijiet tad-direttivi, anke jekk dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-effett dirett [64].

67. Id-direttiva fir-rapport orizzontali bejn żewġ individwi ġiet applikata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza aktar reċenti, b'mod partikolari fil-kawża Mangold [65]. Fil-verità, din hija l-ewwel kawża fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq id-diskriminazzjoni abbażi ta' l-età. Nirritjeni li fil-kawża in kwistjoni għandhom jiġu eżaminati fuq kollox il-punti 74 u 75 tas-sentenza Mangold. Skond il-punt 2 tad-dispożittiv ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "d-dritt Komunitarju u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza

60 — *Sauron*, L'application du droit de l'Union européenne en France, p. 39 u 40.

61 — *Jacqué*, Droit institutionnel de l'Union européenne, p. 575. L-awtur jinvoka in sostenn tal-konklużjoni li l-ġurisprudenza, żviluppata fir-rigward ta' kwistjoni ta' l-effett dirett tad-direttivi, tapplika bis-sħiħ anki għad-deċiżjonijiet, il-kawża Grad (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57) u l-kawża Hansa Fleisch (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 59).

62 — Sentenzi tas-26 ta' Frar 1986, Marshall (152/84, Ġabra p. 723, punt 48), ta' l-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori, (C-91/92, Ġabra p. I-3325, punt 20), tas-7 ta' Marzu 1996, El Corte Inglés, (C-192/94, Ġabra p. I-1281, punt 15) u tas-16 ta' Lulju 1998, Silhouette International Schmied, (C-355/96, Ġabra p. I-4799, punt 36). Din il-ġurisprudenza interpretat l-ineżistenza ta' l-effett dirett orizzontali billi affermat li fl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali, minkejja l-fatt li huwa l-każ ta' regoli preċedenti u suċċessivi għad-direttiva, il-qorti nazzjonali msejħa biex tinterpretah għandha tagħmel l-aktar possibbli fid-dawl tal-kliem u ta' l-iskop tad-direttiva biex tikseb ir-riżultat mfittex minnha u għalhekk b'konformità ma' l-Artikolu 249 KE.

63 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 109).

64 — *Isaac G., Blanquet M.*, Droit général de l'Union européenne, disa' edizzjoni, Parigi 2006, p. 279. L-awturi jsostnu li dan jirrappreżenta restrizzjoni għall-għaża tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-individwi.

65 — Sentenza tat-22 ta' Novembru 2005, (C-144/04, Ġabra p. I-9981). Il-fatti ta' din il-kawża jistgħu jiġu mqassra hekk: fl-2003 is-Sur Werner Mangold, ta' 56 sena, iffirma kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat abbażi tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża. Ir-regoli Ġermaniżi jippermettu taħt kundizzjonijiet determinati, li l-kuntratt jiġi ffirmat għal żmien determinat ma' ħaddiema li qabżu t-52 sena. W. Mangold sostna li r-restrizzjoni tal-kuntratt kienet illeġittima minħabba li r-regola relattiva għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat kienet diskriminatorja fil-konfronti ta' ħaddiema aktar anzjani u tmur kontra d-Direttiva 2000/78. Għal din ir-raġuni ddeċieda li jagħmel rikors quddiem l-Arbeitsgericht Meunche fejn sostna li d-dispożizzjoni dwar ir-restrizzjoni tad-dewmien tar-rapport ta' xogħol inkluża fil-kuntratt tiegħu kienet nulla, għaliex, għalkemm konformi mal-leġiżlazzjoni Ġermaniża, kienet tikser il-leġiżlazzjoni Komunitarja.

fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (aktar 'il quddiem: id-Direttiva 2007/78) [66], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali [...] li tawtorizza l-konklużjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, mingħajr restrizzjonijiet, ħlief jekk teżisti rabta stretta ma' kuntratt ta' xogħol għal żmien mhux determinat preċedenti konkluż ma' l-istess persuna li timpjega, meta l-ħaddiem ikun għalaq l-età ta' 52 sena. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tassigura l-effett totali tal-prinċipju ġenerali ta' non-diskriminazzjoni minħabba l-età filwaqt li ma tapplika ebda dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li hija kuntrarja għad-dritt Komunitarju, u dan anki jekk it-terminu ta' traspożizzjoni ta' l-imsemmija direttiva jkun għadu ma skadiex" [67]. Minħabba li fil-kawża Mangold il-kwistjoni kienet ibbażata fuq il-validità tal-klawżola kuntrattwali li kienet tillimita d-dewmien tal-kuntratt tax-xogħol, l-iċċitat punt 2, imsemmi aktar 'il fuq, tad-dispożittiv tas-sentenza għandu jiġi miftiehem fis-sens li f'kawża prinċipali bejn żewġ individwi, il-ħaddiem u min jagħti x-xogħol, il-qorti nazzjonali ma tistax tapplika regola nazzjonali b'kuntrast mad-dritt Komunitarju.

68. Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għal tali riżultat bir-raġunament li "d-Direttiva 2000/78 ma tinkludix hija stess il-prinċipju ta' trattament ugwali fir-rigward ta' l-impjieg u tax-xogħol. Fil-fatt, skond l-Artikolu 1 tagħha, din id-Direttiva għandha biss l-għan 'li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali', il-prinċipju stess tal-projbizzjoni ta' dawn il-forom ta' diskriminazzjoni li għandhom is-sors tagħhom, kif jirriżultaw mill-ewwel u mir-raba' premessa ta' l-imsemmija Direttiva, f'diversi strumenti internazzjonali u t-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni ta' l-Istati Membri" [68].

69. "Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni abbażi ta' l-età għandu għalhekk jiġi kkunsidrat bħala prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju" [69]. Is-sentenza Mangold tista' tiġi mqabbla mas-soluzzjonijiet li wasal għalihom fuq kollox id-dritt kostituzzjonali Ġermaniż bit-teorija dwar l-effett indirett lejn terzi tad-drittijiet fundamentali (*mittelbare Drittwirkung der Grundrechte*). [70] Id-duttrina Ġermaniża tafferma li l-klawżola kuntrattwali tal-kuntratt tax-xogħol tas-segretarji li tipprovdi għall-kundizzjoni ta' terminazzjoni tal-kuntratt fil-każ taż-żwieġ hija nulla [71]. In-nullità ta' din il-klawżola hija mmotivata mill-fatt li d-dispożizzjoni li hemm fiha tikser prinċipju kardinali stabbilit fl-Artikolu 6(1) tal-liġi fundamentali Ġermaniża (Grundgesetz, aktar 'il quddiem: il-"GG" [72]). Id-dispo-

66 — ĠU L 303, p. 16.

67 — Sentenza Mangold (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 65, dispożittiv).

68 — Sentenza Mangold (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 65, punt 74). Huwa leċitu li wieħed jistaqsi għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel tagħmel referenza għal diversi strumenti internazzjonali u t-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni ta' l-Istati Membri u biss wara ssemmi l-prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju.

69 — Sentenza Mangold (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 65, punt 75).

70 — *Mannsen G.*, Staatsrecht II: Grundrechte, raba' edizzjoni, Munich, 2005, p. 31 u 32. L-awtur jafferma li fid-dritt kostituzzjonali d-drittijiet fundamentali jipproteġu l-individwu kontra l-abbużi ta' l-Istat u mhux fil-konfront ta' individwi oħra. Fis-settur tad-dritt privat, il-leġiżlatur għandu mill-ewwel jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet fundamentali.

71 — *Badura, P.*, Staatsrecht, systematische Erläuterung des Grundgesetzes, tielet edizzjoni, Munich, 2003, p.107.

72 — "Ehe und Familie stehen unter dem besonderen Schutze der staatlichen Ordnung" (iż-żwieġ u l-familja jgawdu protezzjoni speċifika mill-ordinament statali).

żizzjoni msemmija fl-Artikolu 6 tal-GG tiġi applikata bħala kriterju gwida fil-mod kif jinkitbu l-klawżoli ġenerali. L-Artikolu 138 (1) tal-kodiċi ċivili Ġermaniż (Bürgerliches Gesetzbuch, aktar 'il quddiem: il-"BGB") fih klawżola ġenerali dwar il-kuntratti *contra bonos mores* [73]. Il-qorti nazzjonali għandha tirrispetta d-deċiżjoni fundamentali ta' l-Istat li jipproteġi ż-żwieġ u l-familja. Hija għandha tinterpreta d-dispożizzjonijiet dwar il-validità tal-kuntratti fid-dawl tad-drittijiet fundamentali [74] u għaldaqstant għandha taċċerta n-nullità tad-dispożizzjoni tal-kuntratt taxxogħol li tikkuntrasta mal-protezzjoni taż-żwieġ u tal-familja minħabba li tmur kontra l-ordni pubbliku u l-prinċipji morali fundamentali tas-soċjetà.

70. Dan ir-raġunament huwa validu *a simili ad simile* anke għall-kawża Mangold. Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha intenzjoni li tagħti importanza lill-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi ta' l-età u tispeċifika liema hija l-protezzjoni legali possibbli għall-ħaddiema ppreġudikati minħabba tali diskriminazzjoni. Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi ta' l-età hija deċiżjoni ta' karattru universali u morali mnissġa fid-dritt Komunitarju, anke jekk hija kontenuta f'direttiva li bħala regola m'għandhiex effetti diretti orizzontali. Skond l-Artikolu 10 KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni tali ġudizzju dwar il-valuri. Il-korpi ta' l-Istati Membru u s-suġġetti pubbliċi awtorizzati minnhom, għandhom jirrispettaw, fid-deċiżjonijiet relattivi għar-rapport bejn l-individwi, anke l-ġudizzji dwar il-valuri u d-deċiżjonijiet kontenuti fid-dritt Komunitarju. Din hija *r-ratio legis* tas-sentenza Mangold. Din issentenza hija l-linja gwida għall-qrati nazzjonali fil-kawżi li jibbażaw ruħhom fuq iddiskriminazzjoni abbażi ta' l-età, fil-każ fejn id-dritt nazzjonali ma joffrilhomx l-istess protezzjoni ta' dik offruta mid-dritt Komunitarju. Għaldaqstant, ma teżisti l-ebda raġuni fondata sabiex ma tiġix applikata, anke fl-oqsma l-oħra, din il-ġurisprudenza kostanti li ma tirrikonoxxix l-effett dirett orizzontali tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-direttivi u fid-deċiżjonijiet li d-destinatarji tagħhom huma l-Istati Membri.

71. Il-kwistjoni dwar l-effett dirett orizzontali tad-Deċiżjoni 1999/93 għandha tkun distinta mill-kwistjoni tal-vjolazzjoni ta' l-obbligu kuntrattwali jew ta' nuqqas tat-twettiq. Il-kwistjoni jekk il-provvista ta' bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku, li mhumiex ċertifikati bil-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità tas-sistema Nru 1, tinvolvix il-vjolazzjoni ta' l-obbligu kuntrattwali jew għall-anqas in-nuqqas tat-twettiq tal-kuntratt, mhijiex, skond id-dritt Kumunitarju marbuta ma' l-applikazzjoni tas-sistema ta' attestazzjoni tal-konformità Nru 1 fir-rapport bejn individwi. Skond id-dritt Komunitarju, l-attestazzjoni obbligatorja, tal-konformità tal-materjali tal-kostruzzjoni hija riferita esklużivament għar-rapport bejn il-manifattur u l-Istat Membru u mhux minflok għar-rapport bejn iż-żewġ individwi.

72. Għal din ir-raġuni, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, biex tirrispondi t-tieni

73 — "Ein Rechtsgeschäft, das gegen die guten Sitten verstößt, ist nichtig" (in-negozju legali kuntrarju għal pratika ġusta huwa null).

74 — *Badura*, Staatsrecht, systematische Erläuterung des Grundgesetzes, p. 110.

domanda preliminari mressqa mit-Tribunale Ordinario di Novara, billi tiddikjara li l-Artikoli 2 u 3 u l-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 1999/93 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma għandhomx effett orizzontali dirett f'kawża bejn żewġ individwi u ma jippermettux, li parti, fil-kuntest ta' kawża bejn individwi, tista' tressaq kawża quddiem qorti nazzjonali abbażi tad-Deċiżjoni 1999/93 fir-rigward tal-kontroparti.

C — *It-tielet domanda preliminari*

1. Argumenti tal-partijiet

73. Il-kumpannija Carp issostni li d-Deċiżjoni 1999/93 mhix valida, u b'referenza għal dan tosserva li, l-obbligu li tiġi applikata s-sistema ta' attestazzjoni tal-konformità Nru 1 imsemmija fid-Deċiżjoni 1999/93 mhux motivat. Id-deċiżjoni hija nieqsa mill-motivazzjoni u għaldaqstant tmur kontra l-Artikolu 253 KE. Barra minn hekk, l-imsemmija deċiżjoni tmur kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' kompetizzjoni ħielsa.

74. Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-kumpannija Carp terġa' ssostni qabel xejn li l-bibien maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku huma essenzjalment intiżi biex jaġevolaw il-ħruġ ta' persuni mill-bini. Hija tosserva wkoll li l-pumijiet li jitwaħħlu fuq il-bibien diġà għandhom il-marka CE. Għal din ir-raġuni, il-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità għall-ksib tal-marka CE għandu jkun organizzat b'mod li jiggarantixxi s-sigurtà tal-bibien u ma jinfluwenzax b'mod sproporzjonat l-attività tal-manifatturi. Il-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità Nru 1 li jitlob l-intervent ta' korp ta' ċertifikazzjoni, la hu adattat u lanqas hu neċessarju sabiex jiggarantixxi s-sigurtà tal-bibien li għandhom pumijiet kontra l-paniku, għaliex l-istess sigurtà tista' tiġi ggarantita minn proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità oħra previsti mid-Direttiva 89/106 li huma anqas oneruži għall-manifattur u jiggarantixxu li l-prodott manifatturat huwa konformi ma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

75. Skond il-kumpannija Carp, id-Deċiżjoni 1999/93 tikser ukoll il-prinċipju ta' kompetizzjoni ħielsa regolat mill-Artikoli 2 u 98 KE għaliex toħloq privileġġi li javvantaġġjaw xi individwi li jimmodifikaw u jillimitaw il-kompetizzjoni fis-suq. L-artiġjani u l-kumpanniji żgħar m'għandhomx biżżejjed mezzi biex japplikaw il-proċedura ta' konformità Nru 1 għall-produzzjoni tal-bibien u għaldaqstant jkunu mġiegħla jwaqqfu l-produzzjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, għandhom jiġu avvantaġġati l-kumpanniji kbar u medji li ilhom żmien twil fil-pussess taċ-ċertifikat ISO 9000 li huwa konformi mal-ħtiġijiet tal-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità Nru 1.

76. Dwar it-tielet domanda, il-kumpannija Ecorad ma tippronunċjax ruħha u taċċetta d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

77. Il-Kummissjoni u l-Gvern Awstrijak jikkunsidraw li mhemmx bżonn ta' risposta għat-tielet domanda.

2. Kunsiderazzjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali

78. Qabel xejn għandu jiġi rrilevat li "hija l-qorti nazzjonali biss, li quddiemha ġiet ippreżentata l-kawża li għandha tassumi r-responsabbiltà ta' deċiżjoni legali mogħtija, tivvaluta, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, kemm il-bżonn ta' deċiżjoni preliminari biex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domanda li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja" [75]. B'konsegwenza, meta d-domandi preliminari mressqa huma bbażati fuq l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-prinċipju, hi marbuta li tiddeċiedi [76].

79. Abbażi ta' ġurisprudenza kostanti, "ir-rifjut li tiddeċiedi fuq domanda preliminari, magħmula minn qorti nazzjonali, huwa biss possibbli meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt Komunitarju m'għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew fejn il-Qorti [tal-Ġustizzja] ma tiddisponix mill-elementi ta' fatt u ta' dritt neċessarji sabiex twieġeb b'mod utli għad-domandi mqiegħda lilha" [77].

80. Fil-kawża preżenti, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-tielet domanda ma tkunx utli għall-fini tal-kawża prinċipali.

81. Fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju pproponiet tliet domandi. It-tieni u t-tielet huma marbutin mill-qrib. It-tielet domanda, li tirrigwarda l-validità tad-Deċiżjoni 1999/93, tiddependi minn risposta preċiża u definita li tingħata lit-tieni domanda. Ir-risposta għat-tielet domanda, li tirrigwarda l-validità tad-Deċiżjoni 1999/93, jkollha sens għall-fini tal-kawża prinċipali biss jekk ir-risposta tat-tieni domanda kellha tkun li d-Deċiżjoni 1999/93 għandha effett orizzontali direct, u b'hekk tkun obbligatorja għall-individwi fil-kawżi bejn individwi. Minħabba li d-Deċiżjoni 1999/93 m'għandhiex effett orizzontali direct, hija mhix applikabbli fil-proċedimenti u jiġifieri fir-rapporti bejn individwi u, b'konsegwenza, il-kwistjoni fuq il-validità ta' din id-deċiżjoni, mhijiex rilevanti għall-fini tad-Deċiżjoni fil-kawża prinċipali quddiem il-qorti tar-rinviju.

82. Għal din ir-raġuni nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi t-tielet domanda mressqa mit-Tribunale Ordinario di Novara billi tiddikjara li l-validità tad-Deċiżjoni 1999/93 m'għandhiex tiġi aċċertata.

75 — Sentenza tad-9 ta' Marzu 2000, EKW u Wein & Co, (C-437/97, Ġabra p. I-1157, punt 52), u ta' l-4 ta' Diċembru 2003, EVN u Wienstrom, (C-448/01, Ġabra p. I-14527, punt 74).

76 — Sentenza tat-28 ta' Settembru 2006, Van Straaten, (C-150/05, Ġabra, p. I-9327, punt 33).

77 — Sentenzi tal-11 ta' Lulju 2006, Chacón Navas, (C-13/05, Ġabra p. I-6467, punt 35) u Van Straaten (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 76, punt 34).

V — Konklużjoni

83. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija aktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi lid-domandi mressqa mit-Tribunale Ordinario di Novara billi tiddikjara li:

"1. L-Artikoli 2 u 3 kif ukoll l-Anness II u III tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/93/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodotti tal-kostruzzjoni skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' bibien, twieqi, kontraporti, persjani, gradi u aċċessorji oħra li għandhom x'jaqsmu mal-bini, għandhom jiġu interpretati fissens li l-bibien għall-ħruġ minn bini, maħsuba biex fuqhom jitwaħħlu pumijiet kontra l-paniku u mhux ċertifikati bis-sistema ta' attestazzjoni ta' konformità Nru 1 ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq.

2. L-Artikoli 2 u 3 kif ukoll l-Annessi II u III tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/93 m'għandhomx effett orizzontali dirett fil-kawża bejn żewġ individwi u ma jippermettux li parti, fil-kuntest ta' kawża bejn individwi, tista' tressaq kawża quddiem qorti nazzjonali abbażi ta' din id-deċiżjoni fil-konfront tal-kontroparti.

3. Mhemmx bżonn li tiddeċiedi dwar il-validità tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/93."